Laqgħa tal-Kunsill Lokali Għajnsielem

MINUTI – LAQGHAT TAL-KUNSILL
L-GHAXAR KUNSILL
SEDUTA NRU. 9 – L-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċju tal-Kunsill Lokali nhaar l-Erbgħa 19 ta' Frar 2025 fl-4:00 ta' wara nofsinhar.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Joseph Debono | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| | |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**9.1 Talba**

9.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku.

**9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

9.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**9.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

9.3.1 Ma kien hemm ittri ta' apologija.

**9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

9.4.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal talba li saret mill-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq għal Għawdex sabiex jingħata isem għat-trejqa bejn Triq Bengħazi u Triq Garden. Sar qbil li għandna nagħtuha isem. Il-Kunsill qabel li għandna nġibu l-proposti ta' ismijiet.

9.4.2 Dwar din l-istess trejqa s-Sindku wkoll ġie infurmat minn xi residenti li beda xogħol fuq tqegħid ta' bankina mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar

mingħajr l-approvazzjoni tal-Kunsill. Il-problema kif ġiet diskusssa fil-laqgħat ta' qabel hija li din it-triq hija dejqa ħafna u meta intqalbet direzzjoni minn Transport Malta ġejna mitluba sabiex issir bankina b'wisgħa ta' 70cm u nagħmlu l-istess triq One Way – ħaġa li bħalha Kunsill ma kienx hemm qbil dwarha. Għalhekk infurmajna lid-Direttorat tal-Proġetti u Żvilupp fi ħdan il-Ministeru li mhux ser nieħdu responsabilta f'każ li l-bankina tiġi wiesa. Madankollu sirna nafu li l-bankina ser tkun ta' 50cm. Il-Viċi Sindku Joe Debono rrefera għal fatt li ġieli ġie nfurmat li l-buses qed idumu mwaħħlin f'isfel ta' Triq il-Ġnien u talbu sabiex issir One Way. Is-Sindku spjega kif ma nistgħux nattwaw din it-talba għax inkella l-Heavy Vehicles ma jdurux.

9.4.3 Is-Sindku issuġġerrixa li jibda il-proċess sabiex ix-xogħol tal-bulky collection jibda jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill għaliex dan it-tender qed jiswa madwar €7,000 fis-sena - €10 kull kollezzjoni. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta iżda qabel irridu naraw x'jinħtieġ ħabba permessi rikjesti u trakk addattat.

9.4.4 Is-Sindku propona li nitolbu lil Transport Malta sabiex tapprova talba għal sleeping police fid-daħla ta' Trejqet Dun Karm Cassar minħabba l-periklu kbir li jeżisti f'din it-Triq li tagħti għal triq prinċipali. Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din il-proposta lil Transport Malta.

9.4.5 Is-Sindku ressaq is-suġġeriment li ssir żjara lill-anzjani fid-djar tagħhom għal ġranet tal-Għid peress li ma morniex inżurhom fil-festi tal-Milied . Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

9.4.6 Is-Sindku għamel referenza għaż-żjara pastorali mill-Isqof Theuma fl-10 ta' Frar flimkien mal-Arċipriet Frankie Bajada kienet interessanti u ferm pożittiva. Fiha ġew diskussi diversi temi fosthom il-vizzji tal-alkoħol u drogi. Il-Kunsill se jkun qed jaħdem fuq bażi reġjonali sabiex għal festi tas-sajf toħroġ kampanja mmirata għal adoloxxenti u żgħażagħ b'messaġġ kontra l-vizzji u sustanzi.

9.4.7 Is-Sindku Kevin Cauchil għamel referenza għal fatt li l-ħaddiem Sammy Xerri inħariġlu il-permessi meħtieġa mill-Wastserv sabiex ikun jista jidħol bil-vettura tiegħu jarmi l-iskart tal-bins ta' madwar ir-raħal. Ġie suġġerti li jingħata allowance ta' €10 fil-ġimgħa għal-fuel sabiex ikun jista juża il-vettura personali tiegħu għal ġbir tal-ixkejjer taż-żibel tal-bins madwar Għajnsielem.

9.4.8 Fis-27 ta' Jannar saret talba oħra fuq talba mill-konsorzju ta' Chambray fil-premises tal-Kunsill għaliex xtaqu jiċċaraw xi punti li ntqalu fil-media. Għal din il-laqgħa kienu preżenti il-Kunsilliera kollha flimkien mal-Perit Antoine Zammit u s-Sur Oliver Brownrigg. Matul din il-laqgħa ġew diskussi punti differenti fosthom pjanti aktar dettaljati tal-foss, il-preservazzjoni tal-Barracks tal-Inglizi, aċċess pubbliku u restawr tas-swar. Sar qbil li għandu jitkompla jkun hemm aktar diskussjonijiet u laqgħat fix-xhur li jmiss.

9.4.9 Il-Kunsill irċieva talba mill-EPRT dwar Appell 34/25 (PA 2454/16) - PA 2454/16 Proposta: *Dismantling of British Barracks as part of Fort Chambray phase 3 development, to incorporate the arcade, the inner facade behind the arcade, and the flanks within the proposed hotel under PA3884/23.* - fejn il-Kunsill qabel li għandu

jirreġistra bħala konsulent estern skond id-drittijiet specifikati fl-Artikolu 21 tal-Att V tal-2016 dwar it-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar.

9.4.10 Is-Sindku rrefera ghall-pellegrinaġġ Djoċesan li ser isir fid-9 ta' Marzu 2025 mill-Knisja ta' Sant Antnin sal-Knisja Arċipretali Ghajnsielem bil-kurċifiss mirakoluż ta' Ġieżu. Ġejna miltubin ngħinu fil-loġistika mill-Kumitat Organiżżattiv u Paroċċa. Il-Kunsill qabel li din hija okkażżjoni speċjali u għadna noffru l-għajnuna kollha possibl fejn tidħol loġistika u disponsibilita' tal-ħaddiema f'din il-ġurnata storika.

## 9.5 Kommunikazzjoni mill-Kunsilliera

9.5.1 Il-kunsillier Larry Buttigieg staqsa dwar il-ħtiega ta' lampa ġdida fi Triq Cordina. Is-Sindku wieġbu li hemm issue dwar din mas-sidien tal-blokka peress li l-iżviluppaturi ma jixtiequx li l-bozza numru 377 terġa teħel fejn kienet. Is- Sindku wieġeb li ħa jiltaqa' mal-inginiera biex jara l-Enemalta humiex lesti li jagħmluh huma. Problema simili hija fi Triq Dun Speditu Tabone (fejn garage ta' Stephen)

9.5.2 Il-Kunsillier Stephen Mercieca għamel referenza għall-bozza maħruqa fi Triq Sant'Antnin u ilha żmien irrapurtata iżda baqgħet ma' ssewwietx. Sar qbil li għandna nkomplu niġru wara l-kuntrattur.

9.5.3 Il-Kunsillier Stephen Mercieca ssuġġerrixxa biex norganizzaw weekend break f'Malta għar-residenti.

9.5.4 Il-kunsillier Teddy Saliba ssuġġerixxa li nixtru lurna tal-lotteriji biex tintuża waqt l-attivitajiet tal-anzjani.

9.5.5 Il-kunsillier Teddy Saliba wkoll issuġġerixxa biex f'xi waħda mill-iskemi għandna napplikaw għal trakk tal-electric. Is-Sindku qabel ma' din il-proposta u li għandna napplikaw għal wieħed bil-battery u wara jitla.

9.5.6 Il-Viċi Sindku Joe Debono għamel referenza għall-parkegg li hemm fil-pjazza Madonna ta' Loreto quddiem il-bar li issa għalaq magħruf bħala 'Ta' Nunu'. Sar qbil li jitneħa u jsir abjad għal aktar spazju ta' parkeġġ

9.5.7 Il-Viċi Sindku Joe Debono talab sabiex isiru refreshing tas-sinjali tat-traffiku fi Triq il -Ġnien.

## 9.6 Korrispondenza

9.6.1 Saret talba mir-residenti ta' Balzunetta Court fi Triq il-Provigarju sabiex jeħlu hangers il-barra mill-blokka faċċatta tal-għelieqi fil-kantuniera ta' Triq Provigarju. Il-Kunsill qabel li ssir stand u naraw fejn l-ahjar li tehel.

9.6.2 Ġew trattati t- talbiet minghand is-Sur Pierre Louis Attard sabiex jsir kunċert bl-isem Strings Resound fil-knisja il-Qadima l-Qadima nhar il- 31 ta' Marzu,

talba minghand it-Tenur Angelo Muscat biex ngħidu sabiex fl-14 ta' Marzu 2024 jsir kunċert "is-Seba' Duluri," fil-Knisja Arċipretali, u talba oħra minghand s-Surmast Colin Attard sabiex jsir kunċert – Gauletina Festival - fil-Knisja ta' Sant Antnin fil-21 ta' April. Il-Kunsill qabel li jista' jikkollabora sa' massimu ta' €200 ghall-ispejjes ta' kull attivita'.

9.6.3 Giet trattata ittra minn Mario Fava f'isem l-AKL wara li rċieva ittra mill-avukat ta' resident minn Triq Hamri sabiex jara għaliex ma ttehditx azzjoni fil-konfrot tal-iżvilupp tal-Grand Hotel u nuqqas ta' komunikazzjoni mill-Kunsill Lokali Għajnsielem. Ir-risposta lura kienet li l-Kunsill Lokali Għajnsielem dejjem għamel ir-rapporti meħtieġa mal-awtoritajiet u jekk il-quddiem ikun hemm xi tip ta' żvilupp quddiem il-belveder zgur li se jkun qed joġġezzjona wkoll iżda fil-preżent jidher li m'hemm ebda tip ta' applikazzjoni jew zvilupp.

9.6.4 Irċivejna ittra mill-Perit Antoine Zammit fejn talabna niċċaraw xi messaġġi li intqalu fis-social media li l-istess Perit ipprova b'xi mod jew ieħor jisgwida jew jagħti informazzjoni skoretta lil Kunsill dwar Forti Chambray. Il-Kunsilliera qablu li l-Perit Antoine Zammit dejjem għamel il-preżentazzjoni tiegħu b'mod oġġettiv u fattwali u ma ghamel l-ebda tip ta' pressjoni fuq id-deċiżżjoni tagħna.

### 9.7 Hatra ta' Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tal-Latrina ta' Triq J F De Chambray

9.7.1 Waqt li giet diskussa din il-materja, il-Viċi Sindku Joseph Debono hareg mil-kamra peress li ddikjara konflitt ta' nteress.

9.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv għamlet referenza għall-offerti li intefgħu għal dan it-tender. L-offerti mitfugħa kienu minghand Yami Yami Ltd għall-prezz ta' €28800, Marlon Camilleri għall-prezz ta'€ 27326.56, Għajnsielem Football Club għall-prezz ta' €27600U minghand Sultech għall-prezz ta' €35750 għal erba' snin.

9.7.2 Sar qbil li sabiex tigi evalwata din l-offerta għandu jii kompost Bord tal-Għażla li jkun magħmul mis-Sur William Sultana, mis-Sur Fabian Galea, mill-Avukat Joshua Grech, mill-Inġinier Mario Cauchi u mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber.

### 9.8 Riżultat tal-Bord tal-Evalwazzjoni għat-Tender tal-Latrina tal-Imġarr

9.8.1 Is-Sindku rrefera għar-rakkommandazzjoni tal-Bord tal-Għażla ta' din l-offerta li waqgħet fuq l-istess kuntrattur li kien ħadha qabel u baqa' ma resaqx għal kuntratt is-Sur Dennis Scicluna għal prezz ta' €65, 498.02 + VAT.. Sar qbil li għandna nibgħatulu ittra reġistrata li għandu jersaq biex jiffirma l-kunratt u jipprezenta l-garanzija bankarja jekk le irridu nieħdu passi legali it-telf ta' żmien li kkaġunalna billi ma resaqx għall-iffirmar tal-offerta ta' qabel.

## 9.9 Approvazzjoni tal-Unaudited Financial Statements

**9.9.1** Ġew spjegati l-Financial Statement għas-sena finanzjarja li tagħlaq 2024. B'sodisfazzjoni ġie nnotat li minkejja l-volum kbir ta' proġetti u spejjes relatati, is-sena finanzjarja ntemmet bi żbilanc żgħir meta jqis li dan jinkludi d-depreciation. L-Accountant tal-Kunsill faħħret il-ħidma għaqlija tal-Kunsill li qed jirnexxielu dejjem inaqqas l-iżbilanċ tiegħu. Il-Kunsill approva unanimament l-Unaudited Financial Statements 2024.

## 9.10 Update dwar il-Proġetti

9.10.1 Is-Sindku Kevin Cauchi ta update tal-progetti kurrenti skond dawn il-punti:-

9.10.2 **Proġett tal-Misraħ fi' Pjazza Madonna ta' Loreto**

- Il-pjanti ġew imressqa uffiċjalment lil Kurja u qed nistennew risposta mill-Kummissjoni tal-Arti Sagra
- Il-Perit qed ikompli jaħdem bl-aħħar dettalji tad-disinn, stimi u tal-materjal

9.10.3 **Triq Hamri**

- Qed nistennew mill-kuntrattur għat-tieni saff u li jagħti kisja lil Triq Malta

9.10.4 **Proġett ta' Bollards, pavimentar u lluminazzjoni quddiem il-każini.**

- Qed jigi ippjanat sabiex ix-xogħol jibda wara it-tlestija tal-proġett tal-Iskola

9.10.5 **Ġnien quddiem l-iskola Primarja**

- Jonqos it-tħawwil tas-siġar u 'green canopy'
- Ġiet approvata x-xiri ta' żewġ bankijiet 'book-benches' li żgur se jkunu ta' attrazzjoni u jikkumplimentaw dan il-proġett.

**9.10.6 Proġett Water Catchment Pjazza tad-Dehra**

- Saret laqgħa bejn il-kuntrattur, Perit tal-Kunsill u Sindku sabiex jibda ix-xogħol
- Qed jsiru l-applikazjzonijiet u permesssi meħtieġa mal-BCA u trenching
- Tlesta survey wkoll tal-post
- Se jintalab estensjoni ma Ambjent Malta ta' sitt xhur. Il-mira hi li jkun lest sal-aħħar tas-sena.

9.10.7 **Proġett Playingfield Amabile Cauchi**

- Qed jiġu sottomessi il-permessi meħtieġa mal-BCA
- Fil-ġranet li jmiss se jsir il-hoarding u branding fuqu . Hrigna quotations u l-orhos tal-Smc ghall-prezz ta' €400 kull biċċa.
- Il-Kunsill applika għal premju 'New European Bauhaus' bħala proġett innovattiv u sostenibli.
- Ix-xogħol mistenni jibda fil-ġimgħat li jmiss.
- Ninħieġu nagħmlu core testing għal 3, 75 pied fondi. Għalhekk ġibna żewġ quotes għax skond il-perit dawn huma l-unika li joffru dan ix-xogħol. Dettajli tagħhom ser jiġu diskussi f'item li jmiss tal-agenda.

9.10.8 **Bini Arkata**

- Il-Perit se jkun qed jlesti l-speċifikazjonijiet tat-tender u jiġi ppublikat it-tender.

9.10.9 **Tisqifa daħla tal-Iskola u Tkabbir tat-terrazin**

- Il-Perit ser japplika skond il-pjanti li ġew diskussi fil-Laqgħa Kunsill
- Se jingħaqad it-terrazzin tas-Sala tal-Kunsill mat-terrazin tal-Librerija u daħla skola

9.10.10 **Ġnien Briegħen mal-Kunsill tax-Xewkija**

- Se jsiru diskussjonijiet mas-Sindku l-ġdid tax-Xewkija sabiex naraw kif se jkun il-pjan ta' ħidma fuq dan il-proġett.

9.10.11 **Ġnien quddiem il-Kunsill**

- Il-Perit se jagħmel pjan dwar kif jitqassam ix-xogħol marbut ma' dna il-proġett u x'jista jsir bil-finanzjament li għadna.
- Il-finazjarjament se jkun minn skema tad-Dipartiment tal-Kusnilli Lokali.

**9.10.12** **Tisbiħ madwar il-Kappella ta' Lourdes**
- Il-permessi ġew approvati.
- Se ssir laqgħa ma' uffiċjali tal-Kurja u Fr Renato Borg fi-ġranet li jmiss sabiex jiġu diskusssi l-aħħar dettalji u l-method statement qabel jiġi ppublikat it-tender
- Il-finanzjament tal-proġett se jkun mil-fond tal-LESA

**9.10.13** **Tisbiħ tat-taraġġ wara il-Grand Hotel / Triq Hamri**
- Il-Kunsill qabel li għandu jqabbad lil Perit Johnatan Cassar sabiex jressaq kunċett ta' tisbiħ fejn it-taraġ minn Triq Gudja għal Triq Hamri

## 9.11 Proġett tal-Playing Field Project Green

**9.11.1** Is-Sindku rrefera għal Progett u li bħala parti mill-Method Statement rikjest mill-BCA, il-Perit Godwin Sultana informa lil Kunsill li huwa meħtieġ jsiru 'Site Investigation Cores'. Il-Perit Sultana bgħatt ittra lil Kunsill fejn ta' spjegazzjoni għaliex dan irid isir u il-ħtieġa urġenti tiegħu. Fl-ittra tieghu huwa spjega wkoll kif f'Malta hawn biss żewġ kumpaniji li joffru dan is-servizz skond l-ispeċifikazzjonijiet mressqa - Terracore Ltd. u Solid Base Ltd. Ġew mitluba stimi u rapport tekniku mill-Perit

### 9.11.2 Cost Breakdown and Core Drilling Rates

- **Terracore**
  - Drilling: €60/m with continuous core recovery over 75 m.
  - Total drilling component: €4,500.
  - Larger overall scope (75 m).

- **Solid Base**
  - Drilling: €80/m over 24 m.
  - Total drilling component: €1,920.
  - Smaller overall scope (24 m).

9.11.3 Meta tanalizza l-ispiza ghal kull metru, r-rata ta' Terracore's rate (€60/m) ghal hdejn ta' Solid Base's (€80/m) hija orhos u din hija r-rata l-aktar li ser taffettwa l-ispiza. L-istima ta' Terracore's tinkludi wkoll aktar fond u numru akba ta' boreholes.

9.11.4 Ghalhekk il-Kunsill qabel li għandu joqgħod fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Perit u tinħareġ ordni diretta minħabba iċ-cirkustanzi tal-urgenza.

9.11.5 Sar qbil li ghandna nibghta email lill-Project Green biex jinkludu din il-varjazzjoni mal-kumplament tal-Bill of Quantities.

9.11.6 Gew trattati wkoll l-istimi tal-Hoarding. L-istimi miġbura huma kienu mingħand:-

- **Complete Supplies:** €506 per piece exc. VAT
- **Gozo Creations:** €900 per piece exc. VAT ( for 8 banners: €7,200 exc. VAT / €8496 inc. VAT)
- **242.Group:** €468.13 per piece exc. VAT + €15 delivery
- **Print Options**: €450 per piece exc. VAT
- **SMC:** €400 per piece inc. VAT exc. installation
- **Oliver Smart Signs:** €395 per piece exc.VAT

Il-Kunsill qabel li għandu jagħzel dik ta' SMC signs għall-prezz ta' €400 kull biċċa bħala l-aktar waħda vantaġġjuża.

## 9.12 Iljieli Sajfin

9.12.1 Is-Sindku Kevin Cauchi għamel referenza għal fatt li għal darb'oħra se jkollna sajf ippakjat bl-attivitajiet kulturali u sportivi u li bosta minnhom ser isiru wkoll bil-kollaborazzjoni tal-għaqdiet tar-raħal.

9.12.2 Huwa spjega kif il-Kunsill se jkun qed japplika mad-Direttorat tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal tlett attivitjaiet annwali tas-sajf li huma: – GħajnsielemFest, Echoes by the Sea u Cocomelon Night. Apparti hekk il-Kunsill qabel li għandna napplikaw wkoll għall- iskema tal-attivitajiet Kulturali mnedija mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għal dawn l-attivitajiet flimkien ma' oħrajn imqassma fuq perjodu ta' Lulju sa' Settembru taħt l-iskema SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025-2026.

Għall-akbar attivita' tas-sajf, l-Echoes by the Sea, s'issa hemm tlett kwotazzjonijiet ' Verstailles', Ira Losco u qed nistenew ta' Aiden qabel tittieħed deċizjoni. Prezzijiet ta':-

- Versatilles - €8000 + Sound + VAT
- Ira Losco = €7000 + Sound + VAT
- Aiden - għadna ma rnexxielnix nagħmlu kommunikazzjoni miegħu.

Ġie trattat id-draft tal-kalendarju proviżorju tal-attivitajijet kollha li jiffurmaw parti minn Iljieli Sajfin. Il-Kunsill qabel dwarhom.

## 9.13 Attivitajiet Karnival u St. Patricks

**9.13.1 Saret referenza għall-attivitajiet li għandna pjanati għal Marzu 2025 li huma:-**

- ST PATRICKS
    - Bħala fondi ħadna €8,000 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal St Patricks u sposor ta' €500 minn Farsons
    - L-attivita se ssir 17 ta' Marzu
    - Bands huma konfermati – Irish Folk, Out of the Blues, Divine Sinners, Straight Ahead u Cash & Band

  Sar qbil li bħala attivitajiet oħra norganizzaw bħas-snin preċedenti u bħala spejjes nipprovaw inżommu kemm jista jkun mal-Budget.

9.13.2 KARNIVAL 2025. Għal din l-attivita ngħatajn €1,500 mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar għal u €5,000 mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Sar qbil li għandna norganizzaw ballu tal-Karnival . Sar qbil li:-

- L-attivta ser issr nhar is-Sibt 1 ta' Marzu
- Ser tinkera is-sala tal-iskola
- Se tinħadem mal-għaqdet tal-Festa u tiġi mistiedna tippartecipa l-banda tal-lokal.
- Se ssir atttivita f'forma ta' ballu tal-familja b, danza, daqq etc. Sar qbil ukoll li jsiru kompetizzjonijiet tal-isbaħ kostum b'diversi kategoriji.
- Sar qbil ukoll tinxtara candy floss machine sabiex tintuza f'din l-attivita' u attivijtajiet oħra simili li jkunu għal familja kollha.

**9.14 Attivitajiet Għid 2025**

9.14.1 Is-Sindku spjega kif għal din is-sena l-attivitajiet tal-Għid f'Għajnsielem se jkunu jinkludu f' Wirja 'Sitio' fil-Każin tal-Banda, Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Alljievi tal-Banda fil-Knisja il-Qadima nhar l-Erbgħa tat-tniebri kif wkoll 'Easter Treasure Hunt' f'Ta' Passi organizzata mill-Kunsill Lokali b'kollaborazzjoni mas-'Sinfonia del Sol'. Id-Direttorat tal-Kultura se jikontribwixxi €750 għal din l-attivita'.

**9.15 Skemi 2025 mid-Direttorat tal-Gvern Lokali**

9.15.1 Ġew trattati l-iskema ġodda li ħarġu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Wara li nqrat ic-cirkulari, l-Kunsill qabel li għandu japplika għal dawn l-iskemi:-

9.15.2 SPI.SCI.02.2025 - Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2025.2026 (Data ta' l-għeluq nhar it-28 ta' Marzu 2025) - Il-Kunsill qabel li għandu japplika fuq 'Iljieli Sajfin 2025' fuq il-programm diskuss u maqbul f'din l-istess laqgħa.

9.15.3 SPI.SCI.03.2025 - Inizjattiva Finanzjarja - Lokalitajiet aktar nodfa 2025 (Data ta' l-għeluq - it-Tlieta, 22 ta' April 2025); Il-Kunsill qabel li għandu japplika għal attivita 'Clean Up the World 2025 b'attivita Settembru kif ukoll xiri ta' boroz li jitqassmu anke id f'id ma' kampanja edukattiva'.

9.15.4 SPI.SCI.04.2025 - Espressjoni ta' Interess - Milied 2025 (Data ta' l-għeluq – it-Tlieta, 27 ta' Mejju 2025). - Il-Kunsill qabel li għandu japplika fuq 'Bethlehem f'Għajnsielem u Siġra tal-Milied 2025'

9.15.5 Il-Kunsill qabel li għandu jieħu in konsiderazzjoni l-kofinanzjament ta' dawn l-iskemi li għandhom jinħarġu minn naħa tal-Kunsill.

## 9.16 Attivitajiet Sena tal-Kultura

9.16.1 Is-Sindku għamel referenza għall-attivitajiet relatati mas-Sena tal-Kultura tar-Regjun t'Għawdex. Bħala l-ewwel attivita' dik tal-wirja tar-ritratti antiki fil-librerija kienet ta' suċċess kbir u ntlaqgħet tajjeb ħafna. Kellna talba sabiex din il-wirja terġa tiġi esebita mill-ġdid fil-ġranet tas-sajf fil-Każin tal-Banda. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

9.16.2 Is-Sindku spjega kif ser jkollna aktar attivitajiet f'Għajnsielem fejn issa il-Kunsill għandu fond ta' €5,000 għall-attivita' oħra kulturali li għanda ssir fil-lokalita' iżda li ma tkunx iffinazjajta minn skemi oħra.

## 9.17 Laqgħa tal-Lokalita'

Sar qbil li għanda issir laqgħa tal-Kommunita. Id-data għandha tiġi maqbulha fil-laqgħa li jmiss.

## 9.18 Community Policeman ġdid

9.18.1 Il-Kunsill Lokali ġie infurmat li minn nhar il-Ġimgħa 14 ta' Frar beda Pulizija tal-Komunita' ġdid f'Għajnsielem – Jonathan Buttigieg. Filwaqt li jilqa' lil PC Buttigieg u jawguralu ħidma fejjieda, il-Kunsill jixtieq wkoll jirringrazzja lil Puluzija tal-Komunita' ta' qabel Jesmar Grima għas-servizz eċċellenti u għal mod kif dejjem mexa id f'id mal-Kunsill tagħna.

## 9.19 Approvazzjoni tal-Pagamenti

Ġiet trattata l-iskeda tal-pagamenti numru 139. Il-pagamenti ġew ilkoll approvati għal-ħlas.

## 9.20 Materji oħra

9.20.1 Preżenti għall-laqgha kellna l-President tal-Kumitat tal-Banda Elvin Tabone President, is-Segretarju Antonio Xuereb u t-Teżorier Christian Dingli fejn ingħataw merħba bħala l-ewwel laqgħa formali ma' dan il-kumitat il-ġdid. Fost l-oħrajn ġew diskussi l-missjonijiet tagħhom u dwar kif il-Kunsill jista' jikkollabora magħhom fosthom:-

- Skola tal-Mużika li qed jorganizzaw fejn talbu lil Kunsill sabiex jassisti fuq għajnuna ta' riżorsi bħalma huma kotba u materjal.
- Organizazzjoni ta' Graduation day - tista ssir attivita' bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill. Is- Sindku propona li din l-attivita' ndaħħluha bħala parti minn Iljieli Sajfin.
- Ħarga għal Malta fejn talbu lil Kunsill sabiex jikkollaboraw f'din l-attivita' permezz ta' għajnuna fl-ispejjes ta' transport.

Waqt din il-laqgħa ġew diskussi wkoll il-partecipazzjoni tal-Kazin tal-Banda f'Bethlehem f'Għajnsielem u kif jistgħu jibdlu l-kunċett tiegħu, ġemmellaġġ ma' Loretu, proġetti ta' Erasmus, u proġetti oħra tal-Ewropa. Issemmiet ukoll attivita għat-tfal organizzata mill-Kumitat tal-banda u talbu lil Kunsill ikunx jista' jgħin permezz tal-ħaddiema tiegħu f'kostruzzjoni ta'- plywood games u attrazzjonijiet oħra. Ġew diskussi wkoll pjanijiet tal-għalqa ta' wara l-Każin u l-proġett tat-tkabbir tal-każin u ċ-ċaqliq tal-Boċċi Club.

9.20.2 Waqt il-laqgħa saret ukoll il-Premjazzjoni tal- Kompetizzjonijiet tal-Milied. Is-Sindku faħħar lir-rebbieħa u spjega li stenna li jkun hawn aktar konkorrenza iżda grazzi għal nies bħal dawn il-kompetituri inkomplu nsebbħu l-ambjent tal-Milied mat-toroq tagħna.

**9.21 Tmiem tal-laqgħa u data tal-laqgħa li jmiss.**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 18 ta' Marzu 2025 fl-4:00pm.

***Kevin Cauchi***
***Sindku***

***Lucienne Haber***
***Segretarju Eżekuttiv***